## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Jannar, 2019**

**Talba Nru: 531/2018 PM1**

**Rado Limited (C51559)**

**Vs**

**Project Technik Limited (C48668)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tnax (12) ta' Novembru, elfejn u tmintax (2018) illi permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' elf, mija u sebgha u sebghin euro u sebghin centezmu (€1,177.74 (sic)) oltre l-imghax legali, rapprezentanti bilanc dovut fuq materjali fornuti u servizzi ezegwiti mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta, hekk kif dettaljat fl-istatement anness mal-istess avviz, bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra l-istatement anness mal-istess avviz u mmarkat 'Dok. 1' a sostenn tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2019 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2019 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta. Fir-rigward tal-ammont mitlub, tenut kont tad-diskrepanza marginali bejn l-ammont indikat fi kliem u dak indikat b'figuri, it-Tribunal isib li l-kliem ghandhom jipprevalu fuq il-figuri u konsegwentement ser jilqa' t-talba b'referenza ghall-ammont hemmhekk indikat.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal qieghed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' elf, mija u sebgha u sebghin euro u sebghin centezmu (€1,177.70) rapprezentanti bilanc dovut fuq materjali fornuti u servizzi ezegwiti mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta, bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitlub.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**